MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 614/2004

**Vivaldi Hotel (Operations) Limited (C 24056)**

**Vs**

**John Sullivan**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremetta illi:

Peress illi s-socjeta' attrici tinsab kredittrici tal-konvenut fis-sornrna ta' tlettax-il elf u mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm13,158.17) rappresentanti l-ammont dovut fuq il-prezz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti mis-socjeta' attrici lis-sinjur Ashraf Sharaf

fuq inkarigu tal-konvenut skond l-Invoices (hawn annessi u mmarkati kollettivament bhala Dok. B);

Peress illi l-konvenut assuma personalment ir-responsabilta' ghall-hlas tal-ispejjez kollha nkorsi mis-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda il-permanenza tas-sinjur Ashraf Sharaf fil-lukanda Golden Tulip Vivaldi proprjeta' tas-socjeta' attrici skond ittra datata 9 ta' Marzu 2004 u ffirmata mill-konvenut (hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok. C);

Peress illi fl-1 ta' Marzu 2004 il-konvenut iffirma skrittura fejn ikkonferma ii huwa kien responsabbli ghall-hlas tal-ispejjez kollha inkorsi mis-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda l-permanenza tas-sinjur Ashraf Sharaf fil-lukanda Golden Tulip Vivaldi propjeta' tas-socjeta' attrici (hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok. D);

Peress illi sussegwentement il-konvenut hareg cekk tal-Midland Bank (Channel Islands) datat 28 ta' Marzu 2004 favur is-socjeta' attrici ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf dollaru Amerikan (USD *25,000)* (hawnhekk anness u mrnarkat bhala Dok. E3) bhala hlas akkont;

Peress illi c-cekk imsemmi gie ritorant *'refer to maker'* u dan minkejja l-assigurazzjonijiet moghtija mill-konvenut fl-iskrittura li huwa ffirma fit-28 ta' Mejju 2004 (hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok. F);

Peress illi ghalkemm debitament interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti;

Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizazzjoni u tal-Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-istess, f'dan irrigward is-socjeta' attrici qieghda tannetti ma dan l-att, Affidavit skond l-artikolu fuq imsemmi;

Jghid ghalhekk il-konvenut, ghar-ragunijiet premessi ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

*1.* Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizazzjoni u tal- Procedura Clvili, Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lilI-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax-il elf u mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm13,158.17) hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat  illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil-konvenuti;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher il-Qorti u naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet r-rapprezentant  tas-socjeta' attrici;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedott fic-citazzjoni bl-imghax u bl-isejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------